

## Suġġett

Talba abbażi tal-Artikolu 270 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjonijiet tal-Parlament tas-7 ta' Awwissu 2018 li jiċħdu t-talbiet għar-rikonoxximent tax-xogħol bħala l-kaġun ta' marda mressqa mir-rikorrent fil-15 u fit-28 ta' Lulju 2016.

## Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjonijiet tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Awwissu 2018 li jiċħdu t-talbiet għar-rikonoxximent tax-xogħol bħala kaġun tal-mard ta' AW tal-15 u tat-28 ta' Lulju 2016 huma annullati.
- 2) Il-Parlament huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 187, 3.6.2019.

## Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Mejju 2020 – Ntolas vs EUIPO – General Nutrition Investment (GN GENETIC NUTRITION LABORATORIES)

(Kawża T-333/19) (<sup>1</sup>)

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta’ oppożizzjoni – Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva GN GENETIC NUTRITION LABORATORIES – Trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali preċedenti GNC – Raġuni relattiva għal rifjut – Probabilità ta’ konfużjoni – Artikolu 8 (1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001”)

(2020/C 230/40)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

## Partijiet

Rikorrent: Christos Ntolas (Wuppertal, il-Ġermanja) (rappreżentant: C. Renger, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: P. Sipos, aġġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: General Nutrition Investment Co. (Wilmington, Delaware, l-Istati Uniti) (rappreżentant: M. Rijsdijk, avukat)

## Suġġett

Rikors ippreżzentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-11 ta' Marzu 2019 (Każ R 1343/2017-5), dwar proċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn General Nutrition Investment u C. Ntolas.

## Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Christos Ntolas huwa kkundannat ibati l-ispejjeż rispettivi tiegħu kif ukoll dawk sostnuti mill-Uffiċċju tal-Proprijetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) u minn General Nutrition Investment Co.

(<sup>1</sup>) ĠU C 246, 22.7.2019.

## Sentenza tal-Qorti Ġeneral ta' Mejju 2020 – Martínez Albainox vs EUIPO – Taser International (TASER)

(Kawża T-341/19) (<sup>1</sup>)

(“*Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità – Trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea TASER – Trade marks verbali preċedenti tal-Unjoni Ewropea TASER – Raġunijiet relattivi għar-rifjut – Ħsara għar-reputazzjoni – Vantaġġ miksub indebitament mill-karattru distintiv jew mir-reputazzjoni tat-trade mark preċedenti – Artikolu 8(5) tar-Regolament (UE) 2017/1001*”)

(2020/C 230/41)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

## Partijiet

Rikorrenti: Martínez Albainox, SL (Albacete, Spanja) (rappreżentant: J. Carbonell Callicó, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprijetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Gája, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO: Taser International, Inc. (Scottsdale, Arizona, l-Istati Uniti)

## Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-20 ta' Marzu 2019 (Każ R 1577/2018-4), dwar proċedura ta' nullità bejn Taser International u Martínez Albainox.

## Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Martínez Albainox, SL hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 255, 29.7.2019.